KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 38

It-tmienja u tletin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 13 ta' April 2015 fis-6.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Konsultazzjoni – Timed Parking Scheme*
6. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aġġornament*

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 36_18/02/2015.

1.2 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 36_18/02/2015. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 36_18/02/2015*

1.3 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 37_21/03/2015

1.4 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 37_12/03/2015. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 37_12/03/2015*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Mis-seduta 36_18/02/2015 punt 2.2, ġie ċċarat li l-Ing. Louis Borg ma jkunx jista japplika għat-tender jekk ser jghamel konsulenza fuq l-*ispecifications* tat-tender.

*Daħal il-Kunsillier P. Radmilli għas-seduta fis-18.34*

2.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 2.3 dwar il-kwotazzjoni tal-bollard fi Triq Bisazza. Il-Kunsill ġie infurmat li l-*purchase order* lill-Alberta ma ħarġitx u inħarġet *purchase order* ghal kumpanija li offriet prezz irhas. *Bollard/barrier – Triq Bisazza*

2.3 Il-Viċi Sindku, kif ukoll il-Kunsillier P. Portelli, issuġġerew li titwaħħal *barrier* in-naħa ta' fuq ta' Triq Bisazza, kif twaħħlet in-naħa t'isfel u tiġi tiswa ħafna inqas. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera prezenti. Kien hemm qbil ukoll li la jsewi n-naħa t'isfel ikun jista jiġi kkordinat it-tiswija tan-naha ta' fuq.

2.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet jekk il-Kunsill irċeviex risposta mit-Transport Malta dwar resurfacing fi Triq Manwel Dimech. Il-Kunsill għandu jerġa jibgħat *reminder* u niktbu li nixtiequ li nirċievu tweġiba. Triq Manwel Dimech

2.5 Il-Viċi Sindku fakkar li għad trid issir laqgħa mal-kuntratturi li kienu qegħdin jaħdmu Triq Sir Arturo Mercieca. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li għadu qiegħed jistenna li jiġi mogħti data u ħin mill-Kumitat ħalli jkun jista jikkordina. Qal ukoll li f'ċirkustanzi bħal dawn jiġi f'diffikulta jagħti ħin għax ikun qiegħed jidher li qiegħed jivvavorixxi Laqgħa mal-kuntratturi fi Triq Sir Arturo Mercieca

ħin u mhux ieħor. Din id-decizjoni ta' xhin u meta tissejjah laqgha issir mic-Cerman tal-Kumitat, haga li mhix issehh.

Fuq dan l-aspett is-Sindku esprima l-fatt li għall-laqgħat simili u tas-sotto kumitat nistgħu nuzaw il-mezzi tal-uffiċċju tal-Kunsill biex jiġu kordinati. Is-Segretarju qabel, izda enfasizza li d-decizjoni li tisejjah laqgha hi dejjem tac-Cerman, u mhux tal-istaff tal-Kunsill. Fin-nuqqas ta' qbil ta' ħin li hu komdu għal kulħadd, il-laqgħa issir xorta waħda bil-presenza ta' min ikun jista jattendi, għaliex ħafna drabi jkun diffiċli li jista kulħadd. Il-Kunsill għandu juri fiduċja fis-sotto kumitati u fil-Kunsilliera stess u fl-aħħar minn l-aħħar kull deċizjoni trid tiġi diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill.

2.6 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li tkellem mal-perit tal-Kunsill dwar it-tappieri f'*main roads* li hemm bzonn li jissewwew. Ġie nnotat ukoll li l-Kunsill se jkun qiegħed jitlob parti mill-ispejjez lill-Water Services Corporation. Il-Kunsill ġie infurmat li dawn ix-xogħljiet se jkunu qegħdin isiru possibilment l-Ħdud bl-approvazzjoni mit-Transport Malta. *Tappieri f'toroq prinċipali*

2.7 Dwar punt 3.6 il-Kunsill għad irid jaqbel fejn se jitwaħħlu l-bins il-ġodda. Il-Kunsill għandu jitlob lil *contracts manager* biex jimmarka fuq il-mappa dawk li hemm diġa ezistenti. L-istaff tal-Kunsill irid jindika fejn kellu talbiet ghal *bins* godda. Bins fit-toroq

2.8 Il-Kunsill qabel li l-mappa għandha tiġi mmarkata bil-*bins* ezisenti u b'dawk proposti u tintbgħat lill-Kunsilliera permezz ta' e-mail u min ma jirrispondix ikun qabel magħha.

2.9 Il-Kunsill P. Radmilli ġibed l-attenzjoni li l-ħasil tal-bins mhux qiegħed isir sew. Il-Kunsill għandu jibgħat lil *contracts manager* biex jiċċekkja. *Ħasil ta' bins*

2.10 Dwar punt numru 7, dwar il-laqgħa annwali, l-Kunsillier P. Radmilli qal li l-prezentazzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv kienet tajba ħafna pero l-Kunsill seta jellabora aktar x'għamel xogħlijiet matul is-sena. Il-Kunsillier P. Portelli propona li l-Kunsilliera li jkunu interessati jagħmlu prezentazzjoni ta' madwar ħames minuti kull wieħed biex kulħadd jgħid xi punti dwar ir-responsabbilitajiet tiegħu. Kien hemm qbil li s-Sindku għal darb'oħra jintroduċi l-Kunsilliera u r-responsabbilitajiet tagħhom. Il-Kunsillier P. Portelli qal li l-mod li l-Kunsill għamel promozzjoni għal din il-laqgħa kien tajjeb għaliex l-attendenza kienet tajba u aħjar mis-snin ta' qabel. Laqgha Annwali

2.11 Dwar seduta 37 punt 8.2, għall-għazla tal-handyman, kien hemm qbil li l-Bord għandu jiltaqa nhar it-Tlieta 21 t'April 2015 fit-3pm. *Handyman tal-Kunsill*

2.12 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-pagament tal-AKL li kien inzamm *on hold* dwar l-iskema tas-saħħa u saqsiet jekk il-Kunsill jistax ikun inxurjat sakemm tiġi finalizzata t-tender tal-insurance kompluta. Il-Kunsill għandu jistaqsi lill-AKL jekk għadux fil-ħin li jġedded, fil-kaz imexxi bil-pagament. Sadanitant għandhom jiġu ċċirkulati l-benefiċċji ta' din l-iskema lill-Kunsilliera. *Skema tas-Saħħa*

2.13 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera għall-punt 8.3 dwar it-talba mill-Iscouts biex isir manutenzjoni ħafifa fid-daħla tal-kwartieri tagħhom u qal li x-xogħol għandu jitlesta fi zmien xahar. *Manuntenzjoni fid-daħla tal-kwartieri tagħhom*

2.14 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera għall-punt 8.4 dwar talba mil-Brigades għall-pubblikazzjoni ta' ktieb. Il-Kunsil għandu jara l-minuti ta' deċizjoni simili li kien ħa dwar dawn it-tip ta' talbiet. *Talba mil-Brigades*

2.15 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-laqgħa li kellu hu u s-Sindku mal-Ministru Evarist Bartolo fejn ġew infurmati li fiz-zmien sentejn l-binja tal-iskola Sekondarja mhux ser tibqa tigi uzata bhala skola. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jaħseb ftit x'jista jsir f'dan il-proġett, bħal per ezempju *child care centre*. Il-Kunsilliera M. Aquilina suġġeriet Centru Civiku. Il-Kunsillier P. Portelli suġġerixxa li dan il-proġett jiġi diskuss għalih f'sotto kumitat. Kien hemm qbil dwar dan. *Binja tal-iskola Sekondarja*

2.16 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 8.12 u saqsa jekk saritx il-laqgħa ma *Miracle Foods*. Il-laqgħa għada se ssir. *Laqgħa – Miracle Foods*

2.17 Il-Viċi Sindku qal li fil-parti ta' fuq ta' Triq Dingli, tal-fjuri qiegħed jostakola l-bankina. Il-Kunsill għandu jgħid lill-pulizija.

2.18 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar il-*green wardens*. Is-Sindku qal li dan l-aħħar qegħdin ikun effettivi speċjalment fuq min qiegħed joħroġ l-iskart fil-ġranet u ħinijiet ħziena. Il-Kunsillier Briguglio talab għal rendikont ta' rapporti mil-*green wardens*. *Green wardens*

2.19 Il-Kunsill ġie infurmat li s-Sindku u l-Kunsillier P. Radmilli kellhom laqgħa dwar *Bialystok Urbact EU Project* li jikkonċerna proġett fuq *landscaping*. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li tajjeb li l-Kunsill ikollu xi ħadd tekniku li jghin fl-immanigjar ta' progetti bhal dawn. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jibgħat l-i*specifications* lill-Kunsillier Radmilli biex ikun jista jinħareġ tender. *Proġett fuq landscaping*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

3.2 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar il-pagamenti lill-Malta Holitcultural Society. Ġie spjegat li din hija attivita ta' ezebizzjoni ta' frott u fjuri li ssir kull sena u l-Kunsilli jistgħu jipparteċipaw.

3.3 Il-Viċi Sindku qal li l-latrini mhux qegħdin jinzammu nodfa. Il-Kunsill għandu jibgħat lil *contracts manager.* *Latrini*

3.4 Il-Viċi Sindku qal li l-ELC mhux qegħdin jagħtu l-kontribut tagħhom għall-ammont ta' flus li l-Kunsilli qiegħed iħallas. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi kella l-ilmenti ukoll. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hemm bzonn li jara aktar fjuri f'Tas-Sliema. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiltaqa mal-ELC. Il-Viċi Sindku qal li jixtieq ikun prezenti għal din il-laqgħa. *Manutenzjoni soft areas*

3.5 Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar li għad iridu jitwaħħlu l-*bike stands*. Sar ftehim li dawn jitwaħħlu fi Pjazza Sant' Anna u Triq Il-Kbira fejn l-HSBC. *Bike stands*

3.6 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier P. Portelli issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

3.7 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-kwotazzjoni ta' *Trapani Woodworks* dwar manutenzjoni ta' bankjiet fi Triq Bisazza għaliex issa se tibda it-tieni fazi. Manutenzjoni ta' bankijiet fi Triq Bisazza

3.8 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar fid-deċizjoni li kien ha l-Kunsill dwar il-pagament lil MTA dwar il-WI FI li kien inzamm *on hold*, u informa li l-librerija Margaret Mortimet qegħda mingħajr internet. Il-Kunsill ġie infurmat li legalment hemm kuntratt mal-MTA li jrid jiġi onorat. Kien hemm qbil li dan il-pagament irid jitħallas din is-sena. *MCA – WIFI*

3.9 Il-Kunsillier P. Portelli fakkar li l-Kunsill irid jara jaqbilx li jkun hemm *connection* waħda tal-WI FI kollha li għandha f'Tas-Sliema.

3.10 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li zewg skrivani tal-Kunsill, li ilhom aktar minn ħames snin fl-iskala 11, skont il-*collective agreement* huma intitolati li jitilgħu għal skala 10. Kien hemm qbil ukoll li jittieħdu l-arretrati skont il-kuntratt.

**4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI**

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li ġie iffirmat il-kuntratt għad-devoluzzjoni għax-xelter li hemm fi Triq Dingli. Il-Viċi Sindku saqsa meta se jibda l-proġett. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-Kunsilliera L. Cassar Shaw tiċċekja dwar l-iskema għal *Culture Heritage Restoration*, skema li l-Ministru tal-Kunsilli Lokali semma ftit tal-gimghat ilu li tista tiffinanzja progetti ta' din l-ghamla. *Xelter – Triq Dingli*

4.2 Il-Kunsillier M. Briguglio talab li tinħareġ il-kwotazzjoni għal *bins* tas-sigaretti fuq il-bajjiet minħabba fis-Sajf se jizdied il-ħmieġ. Kien hemm qbil li tissejjaħ kwotazzjoni. Bins tas-sigaretti fuq il-bajjiet

4.3 Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier P. Portelli proponew li tinħareġ tender għal *bins* ta' quddiem il-ħwienet. Il-Kunsill qabel li jinħareġ it-tender u naraw kemm se jiġu jiswew għaliex skont il-materjal jaf ikun hemm spiza għolja. *Bins għal quddiem il-ħwienet*

4.4 Il-Kunsillier M. Briguglio talab biex issir applikazzjoni biex jiġi mibni taraġ fil-blat viċin l-Exiles. Il-Kunsill għandu jgħid lil Perit Bezzina. *Taraġ fil-blat*

4.5 Il-Kunsillier M. Brigulio informa li Julian Manduca se jagħlaq għaxar snin mejjet u saqsa jekk jista jsir xi ħaġa biex tkun ta' tifkira. Is-Sindku qal li affarjiet bħal dawn jiġu diskussi f'kumitat. Il-Kunsillier M. Briguglio xorta jaqbel li l-Kunsill għandu jikkonsulta mar-residenti meta jkun l-kaz.

4.6 Is-Sindku informa li jixtieq jagħmel xi tibdil fir-responsabbilitajiet. Ġiet iċċirkolata e-mail lill-Kunsilliera waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku qal li importanti li c-Chairperson ta' kull kumitat isegwi dak li jkun intqal fil-kumitat u jara li affarijiet qegħdin jimxu. Importanti wkoll li jekk ikun hemm qbil ta' data u ħin ma mbiddlux ħalli wieħed ikun jista jmexxi. Responsabbilitajiet tal-Kunsilliera

*Il-Viċi Sindku telaq mis-seduta fit-20.20pm*

4.7 Il-Kunsillier P. Portelli informa li l-Kunsill se jkun qiegħed jirċievi Ewro 15,000 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minn skema għall-attivita *Sliema Arts Festival.* *SAF*

4.8 Il-Kunsillier P. Portelli qal li bħalissa qiegħed javviċina nies jew kumpaniji għal *sponsorships* u ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-kuntatti tagħhom sabiex ikollna kemm jista jkun *sponsors* għal dan l-festival. Se jkun hemm arti fuq *scaffoldings* u l-Kunsill

għandu javviċina l-kuntatturi sabiex jakwista tali scaffoldings b'xejn.

Il-Kunsill se jkun qiegħed joħroġ kwotazzjoni għall-*istages* tal-postijiet kollha involuti. Il-Kunsillier P. Portelli qal li se jkun hemm diversi bands. Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet jekk hux se jkun l-istess bands tas-sena l-oħra. Il-Kunsillier Portelli wieġeb li se jkun hemm differenti. Il-Kunsillier P. Portelli qal li se jkun hemm inqas *printing* tal-posters minħabba li s-sena l-oħra kien hemm ħafna ħela.

Il-kunsillier P. Radmilli qal li importanti li l-Kunsill jingħata promininza fil-poster għaliex is-sena l-oħra ma kienx hemm daqshekk prominenza tal-Kunsill. Il-Kunsillier P. Portelli assigura li din is-sena il-poster se tiġi dizinjata mill-Kunsill u zgur se jkun hemm prominenza, fakkar li s-sena l-oħra *Add More Colours* kienu tawna d-dizinn l-posters fl-aħħar ġimgħa u ma kienux taw prominenza lill-Kunsill. Din is-sena qeghdin organizzati wisq ahjar.

4.9 Il-Kunsilliera M. Aquilina proponiet li għal ftuħ ta' din l-attivita jitkellem is-Sindku. Kien hemm qbil dwar dan pero li d-diskors issir fl-għeluq tal-attivita. Il-Kunsillier P. Portelli propona li għandhom jingħataw *tokens* lil dawk kollha li jkunu jipparteċipaw f'din l-attivita. Kien hemm qbil dwar dan.

4.10 Il-Kunsill ġie infurmat li se jkun hemm riklamar dwar l-SAF fuq XFM U Vibe FM għaliex dawn tawna xi skont kif ukoll huma l-aktar zewġ stazzjonijiet li jinstemgħu miz-zgħazagħ.

4.11 Għal *security services* il-Kunsill se jkun qiegħed jitlob għal kwotazzjonjiet. Kien hemm qbil dwar dan pero s-Sindku propona li għandu jkun hemm presenza ta' pulizija. Is-Sindku għandu jsaqsi lis-Superintendent, filwaqt li ukoll niltaqghu maghha dwar l-attivita.

4.12 *Cleansing Services Department* se jkunu qegħdin jipprovdu b'xejn madwar 40 bin għal din l-attivita kif ukoll se jkunu qegħdin inaddfu dawn il-bins darbtejn kuljum tul l-attivita, inkluz it-tindif tal-bajja. Il-Kunsill se jkun qiegħed jinkludi l-*logo* tagħhom fuq il-poster.

4.13 Fost affarijiet oħra għal din l-attivita se jkun hemm *insurance*, logħob tan-nar, stages ta' muzika varja, stands tal-ikel, artigjanat u arti varja.

4.14 Ġie nnotat li l-Kunsill irid jagħmel *marketing* tajjeb għal din l-attivita għaliex skont l-iskema tal-fondi li se nieħdu, l-kuntratt se jkun għal tlett snin, il-Kunsill irid jara li kull sena l-attivita dejjem tiġi organizzata bl-aħjar mod. Il-Kunsillier P. Portelli qal li l-Kunsilliera P. Radmilli, M. Briguglio u J. Pillow ġew involuti fl-organizzjoni tal-SAF.

4.15 Il-Kunsillier P. Portelli ħeġġeġ għal darb'oħra kull min jista javviċina xi *sponsors* u imprtanti li jagħmel dan fi zmien xahar minħabba li jrid johrog il-materjal promozzjonali.

4.16 Ġiet imressqa l-lista ta' costings għal SAF li tiġi tiswa madwar Ewro 36,000. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill johrog Ewro 10,000 mill-fondi tieghu ghal din l-attivita.

**5. KONSULTAZZJONI – TIMED PARKING**

5.1 Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jsejjaħ għal konsultazzjoni mar-residenti dwar it-*Timed Parking Scheme*. Is-Sindku propona li għandu jkun hemm reġistru fejn jiġi indikat iva jew le fejn ikunu jistgħu jagħtu l-vot tagħhom dawk bl-ID Card minn tas-Sliema. Il-Kunsillier P. Portelli propona biex jitqassmu f'zoni. Ma kien hemm l-ebda deċizjoni din se tiġi diskussa aktar tard.

**6. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

6.1 Dan l-item se jiġi diskuss f'seduta oħra

**7. AĠĠORNAMENT**

7.1 Is-Seduta spiċċat fl-21.11. Seduta oħra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 28 ta' April 2015 fis-6pm fejn apparti item 6 irid jiġi diskuss ukoll l-*Audit Adjustments*.

Minuti approvati llum 19/05/2015

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**